MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Numru. 944/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Paul Fenech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Paul Fenech ta’ 24 sena iben Martin u Helen nee Mascari, imwieled Attard fit-30 ta’ Jannar, 1978 u li joqghod fl-indirizz 73 Lelluxa, Triq ir-Rifugjati tal-Gwerra, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 152878(M) li

gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-6 ta’ Settembru 2002, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb ta’ estorsjoni jew li jaghmel hsara lil Jesmond Buttigieg, akkuzah quddiem awtorita kompetenti b’reat suggett ghal piena ta’ aktar minn sentejn, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna kienet innocenti. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 101(1)(a) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkustanza, sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkunu jistghu ‘il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa jew misjuba hatja ta’ reat. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, bil-hsieb li jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 18 ta’ Novembru, 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-16 ta’ Jannar, 2003 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat l-fedina penali kwazi netta ta' l-istess imputat u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom sehh ir-reat.

Wara li rat l-Artikoli 110(1), 110(2) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------